# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2021

**Numru 3**

**Rikors Numru 399/18 TA**

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali**
**bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali**

**vs**

**Peter Zammit (ID 374870 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (l-Attur) tas-27 ta' April 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi permezz ta' Mandat ta' qbid numru 1547/13 mahrug fid-9 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet Dylan Azzopardi ID 184293(M) vs Peter Zammit ID 374870(M) din l-Onorabbli Qorti ordnat li jinqabdu l-mobbli kollha fid-dar 45, Old Mill House, Old Mill Street, Mosta (Kopja tal-Mandat qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok ES 1**)

2. Illi in segwitu ghall-istess mandat il-Marixxall tal-Qorti acceda fil-fond in kwistjoni u hejja lista tal-mobbli maqbuda u dan kif jirrizulta minn Dok ES 1.

3. Illi sussegwentement meta Dylan Azzopardi ipproceda sabiex jeleva l-oggetti maqbuda, irrizulta illi l-mobbli kollha in kwistjoni tnehhew mil-lok kif jidher mill-verbal tal-Marixxall John Micallef.

4. Illi permezz ta' rikors datat 20 ta' Marzu 2015 (kopja hawn annessa bhala **dok ES 2**) l-istess Dylan Azzopardi talab sabiex ghar-ragunijiet hemm spjecati din l-Onorabbli Qorti tordna lill-esponenti sabiex a tenur tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 jipprocedi bil-procedura ta' disprezz konta l-intimat Peter Zammit.

5 Illi permezz ta' decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors numru 275/2015/LSO fl-ismijiet Dylan Azzopardi vs Peter Zammit datata 28 ta' April 2016 (hawn annessa bhala **ES 3**) din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-atti ordnat lill-esponenti sabiex jipprocedi bil-procedura ta' disprezz abbazi tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 kontra l-intimat Peter Zammit.

6. Illi ghalhekk in adempiment ma' dik l-ordni l-esponenti qed jintavola dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimat hati ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 997 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat ghall-pieni indikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi."

Rat li wara żmien twil li din il-Kawża kull darba tħalliet għan-notifika tal-Konvenut, dan baqa' ma weġibx minkejja notifikat skont il-liġi;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet ix-xhieda kollha prodotta mill-Attur;

Rat li l-konvenut baqa' ma għamel ebda nota fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-abbli avukat tal-Attur jittratta l-kawża fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021;

Rat li l-kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fid-9 ta' Ottubru 2013, Dylan Azzopardi, li xehed f'din il-Kawża, ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid kontra l-konvenut biex jinqabdu xi effetti mobbli mill-fond 45, Old Mill House, Mosta (mandat eżebit a' fol 4). Għalhekk il-marixxal tal-Qorti mar fil-post imsemmi fejn elenka l-mobbli maqbuda (ara Dok ES 1).

**2.** L-imsemmi Dylan Azzopardi talab l-elevazzjoni tal-oġġetti maqbuda. Irrisulta li l-mobbli kollha inkwistjoni tneħħew mil-lok u dan kif jidher mill-verbal li għamel John Micallef, il-Marixxal tal-Qorti. Konsegwentement l-istess Dylan Azzopardi, permezz ta' rikors datat 20 ta' Marzu 2015 talab lill-Qorti sabiex minħabba dak li ġara, l-Attur ikun ordnat sabiex ai termini tal-artikolu 1003 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jipproċedi bil-proċeduri odjerni għad-disprezz kontra l-konvenut.

**Punti ta' liġi**

**3.** Din hija proċedura għad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti ai termini tal-artikoli 997 et sequens tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Il-posizzjoni legali f'dan ir-rigward hija spjegata tajjeb fis-**Sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qrati Superjuri -vs- Kristinu Giordmaina tal-25 ta' Settembru 2003** fejn intqal hekk:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa .*

*Kif jgħallem Lord Denning, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (In re Bramblevale Limited – 1970)." Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħtija lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-*

*ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Ara* ***Appell Ċivili, fl-ismijiet Edward Camilleri vs Carmelo Vella tas-7 ta' Ottubru 1997****).”*

**4.** Din il-Qorti tkompli tosserva li l-Attur, f'kawżi bħal dawn, m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tkun imħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja (Ara **Vol. LXXIV-iii-546**).

**5.** Di piu' dan l-Istitut tal-liġi għandu importanza doppja. Dik li jinżamm ir-rispett lejn l-ordnijiet tal-Qrati biex għalhekk tkun konservata d-dinjita' istituzzjonali tagħhom u dik li tintlaħaq fil-finalita' koattiva tal-liġi. Li kieku kull persuna titħalla tisfida l-ordnijiet tal-Qrati b'impunita', l-iskop teoloġiku legali tal-liġi u cioe' li ordnijiet tal-Qrati ikunu esegwiti materjalment u kontra kull resistenza fiżika, jitħalla li jkun eluż. Dan l-Istitut qiegħed hemm biex jassigura li l-ordnijiet tal-Qrati ma jittieħdux bħala gwida etika, iżda li għandhom warajhom bis-saħħa kollha legali għall-esekuzzjoni tagħhom skont il-liġi posittiva.

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Bħala fatt jirrisulta li fil-15 ta' Mejju 2013, bis-saħħa tal-mandat ta' qbid fuq imsemmi ġew maqbuda numru konsiderevoli ta' mobbli (ara a' fol 9). Il-Marixxal tal-Qorti fir-rapport tiegħu ddikjara li "fuq talba ta' Dr. David Camilleri dawn l-oġġetti se jibqgħu fil-post imsemmi sakemm ikun hemm ordni oħra" (a' fol 10 ara ukoll xhieda tal-Marixxal John Micallef a' fol 55). Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020 il-Marixxal tal-Qorti John Micallef

esebixxa nota li kien ħa meta mar it-tieni darba biex jeleva l-mobbli maqbuda. Dan jixhed kif meta mar sab li l-fond fejn kienu tħallew kien inbiegħ. Dan sar jafu dakinhar mill-Konvenut stess li kien presenti. Għarrafhom ukoll li dawn il-mobbli ma għadhomx hemm. Dan kollu ġara fis-17 ta' Mejju 2015 (ara xhieda tal-Marixxall John Micallef a' fol 79 sa 81). Il-Qorti qieset ukoll f'dan ir-rigward dak li xehed Dylan Azzopardi.

**7.** Il-Qorti qieset ukoll il-provi l-oħrajn u dokumenti esebiti. Huwa paċifiku wkoll li l-akkuża ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvata, minn min qiegħed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` tagħha. (ara **Sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi, P.A. deċiża fit-12 ta' Diċembru 2001**). Mingħajr din l-intenzjoni ma jsir l-ebda disprezz. (ara **Sentenza f'Vol LXVII.II.7** u dik fl-ismijiet **Direttur Qrati Ċivili u Tribunali vs Joseph Tonna, P.A. (JZM) deċiża fil-11 ta' April 2011**).

**8.** Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-intenzjoni ta' sfida da parti tal-konvenut tirrisulta mix-xhieda tal-Marixxal John Micallef u partikularment min-nota li ħa dak in-nhar meta mar biex jeleva l-mobbli maqbuda fuq ordni tal-Qorti. L-isfida hija aċċentwata mhux biss mill-fatt li mar fuq il-post dakinhar tal-elevazzjoni, li allura kien ifisser kien jaf bid-data tal-elevazzjoni, iżda saħansitra għarraf lill-istess Marixxal li "*l-ghamara ma ghadiex fil-pusses tieghu*" ( a' fol 81). Din hija sfida diretta għall-ordni diretta ta' din il-Qorti li jistħoqqilha l-piena massima pekunjarja skond dak li jiddisponi l-artikolu

997 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. L-attur qed jitlob ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 992(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan jiddisponi hekk:

"*Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; ujekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli in-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.*"

**9.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din il-parti tal-liġi. Il-kliem użat huwa *tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent.* Il-Qorti tfakkar li dawn il-proċeduri għandhom min-natura tal-penali tant li anke piena ta' priġunerija tista' tiġi inflitta apparti l-multa. Għalhekk il-prinċipji kollha fil-kamp legali huma similment applikabbli għal dawn il-proċeduri. Wieħed mill-prinċipji huwa li meta liġi ma tkunx daqstant ċara u univoka u jkun hemm lok għall-interpretazzjoni tagħha, din għandha tkun interpretata b'mod ristrettiv favur il-persuna li tkun ikkommettiet ir-rejat. Il-kliem tal-liġi fuq ċitata ma jikkonvinċix lil din il-Qorti li huwa maħsub għal sitwazzjoni bħal din. Jista' jkun li kif miktuba l-liġi mhux daqstant feliċi, imma dan xorta ma jneħħi xejn mill-prinċipju imsemmi. L-ordni tat-tneħħija ma hiex l-istess

ħaġa tat-tqegħid lura tal-oġġetti. Il-każ klassiku ta' tneħħija ta' diżordni jew inkonvenjent meta jingħalaq passaġġ, kull xorta ta' ingombru u kull att ieħor f'dan il-ġeneru ta' għemil. Għalhekk din it-talba mhux ser tkun milqugħa.

**10.** Kwantu għall-piena din il-Qorti ser tkun qed tikkundanna lill-konvenut iħallas multa ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u issib lill-konvenut ħati ta' disprezz kontra l-awtorita tagħha ai termini tal-artikolu 997 et tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**Tilqa' it-tieni talba** attriċi u tikkundanna lill-konvenut għal multa ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

**Tiċħad it-tielet talba** Attriċi.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**